Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**10076/23**

**CDR 90**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u ħames membri supplenti, proposti mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittri tal-5 ta' Ottubru 2022[1], tal-21 ta' Ottubru 2022[2], tal-4 ta' Mejju 2023[3] u tas-17 ta' Mejju 2023[4], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenji tas-Sa Karin WANNGÅRD, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, u tas-Sa Linda ALLANSSON WESTER, is-Sa Suzanne FRANK, is-Sa Sara HEELGE VIKMÅNG u s-Sa Charlotte NORDSTRÖM, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 13267/22.
[2] 13960/22.
[3] 9344/23, 9346/23.
[4] 9814/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa WANNGÅRD, il-Gvern Żvediż ippropona[5] lis-Sa Åsa ÅGREN WIKSTRÖM, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Västerbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västerbotten), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025. Wara l-ħatra tagħha, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

4. Barra minn hekk, il-Gvern Żvediż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur William ELOFSSON, *Ledamot i kommunfullmäktige, Gävle kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gävle), is-Sur Anders JOSEFSSON, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Norrbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Norrbotten), is-Sa Elisabet LANN, *Ledamot i kommunfullmäktige, Göteborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gothenburg), is-Sur Michael ROSENBERG, *Ledamot i kommunfullmäktige, Helsingborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Helsingborg), u s-Sa Anna-Karin SKATT, *Ledamot i regionfullmäktige, Västra Götalandsregionen* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västra Götaland).

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 10075/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[5] 9543/23.